



**Is-sempliċi fatt li mħallef ikun inħatar fi żmien li fih l-Istat Membru li huwa jagħmel parti minnu kien għadu ma jikkostitwixxix reġim demokratiku ma jqiegħidx f'dubju l-indipendenza u l-imparzjalità ta' dan l-imħallef**

Il-Qorti Suprema Pollakka għandha tiegħu deċiżjoni finali dwar tilwima rigward in-natura allegatament inġusta ta' klawżola ta' indiċjar li tinsab f'kuntratt ta' kreditu konkluż bejn konsumaturi u l-bank Pollakk Getin Noble Bank.

F'dan il-kuntest, dik il-qorti tistaqsi **jekk it-tliet imħallfin ta' appell li preċedentement semgħu din it-tilwima kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni.**

Fil-fatt, wieħed minnhom allegatament beda l-karriera tiegħu ta' mħallef taħt ir-reġim Komunist u ma ħax ġurament ġudizzjarju mill-ġdid wara li dan ir-reġim ġie fi tmiemu. It-tnejn l-oħra allegatament inħatru mħallfin ta' appell fi żmien (jiġifieri bejn l-2000 u l-2018) li fih, skont il-Qorti Kostituzzjonali Pollakka, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura (il-KRS), li pparteċipa fil-ħatra tagħhom, ma kienx jiffunzjona b'mod trasparenti, u li fih il-kompożizzjoni tiegħu kienet tmur kontra l-Kostituzzjoni.

Il-Qorti Suprema Pollakka, sedenti b'kulleġġ ġudikanti magħmul minn imħallef uniku, għaldaqstant iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-qrati.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċad qabelxejn l-argument tal-Ombudsman Pollakk, li huwa parti fil-proċedura, fis-sens li l-imħallef tal-Qorti Suprema Pollakka li indirizzat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma kienx awtorizzat jagħmel domandi preliminari fid-dawl tad-difetti li jivvizzjaw il-ħatra proprja tiegħu, li allegatament jqiegħdu f'dubju l-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex informazzjoni rigward dan l-imħallef jew elementi oħra li jistgħu jikkonfutaw il-preżunzjoni li l-Qorti Suprema Pollakka, indipendentement mill-kompożizzjoni konkreta tagħha, tissodisfa r-rekwiżiti, b'mod partikolari dawk ta' indipendenza u ta' imparzjalità, sabiex tkun tista' titqies bħala "qorti" ta' Stat Membru li tista' tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Id-domandi magħmula huma għaldaqstant ammissibbli.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina ż-żewġ partijiet tad-domandi magħmula.

**F'dak li jirrigwarda l-imħallef ta' appell li beda l-karriera tiegħu taħt ir-reġim Komunist, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li tapplika l-qafas analitiku li jirriżulta mill-ġurisprudenza tagħha ta' dawn l-aħħar snin rigward il-garanzija ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-qrati fid-dritt tal-Unjoni, tqis li dan is-sempliċi fatt inkwantu tali ma jqiegħidx f'dubju l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imsemmi mħallef fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji sussegwenti tiegħu. F'dan il-kuntest hija tenfasizza, b'mod partikolari, li r-Repubblika tal-Polonja aderixxiet mal-Unjoni u mal-valuri tagħha, b'mod partikolari dak tal-Istat ta' dritt, mingħajr ma qajjem diffikultà f'dan ir-rigward il-fatt li mħallfin Pollakki kienu nħatru fi żmien li fih dan l-Istat**

kienu għadu ma jikkostitwixxix reġim demokratiku. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju ma ressqet l-ebda indizju tali li jqajjem dubji f'dan ir-rigward.

**Fir-rigward taż-żewġ imħallfin ta' appell l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li tapplika dan l-istess qafas analitiku, tosserva li l-Qorti Kostituzzjonali Pollakka ma ddeċidietx dwar l-indipendenza tal-KRS meta hija ddikjarat, fl-2017, li l-kompożizzjoni ta' dan tal-aħħar, kif kienet fiż-żmien tal-ħatra taż-żewġ imħallfin inkwistjoni, kienet tmur kontra l-Kostituzzjoni. Dan in-nuqqas ta' kostituzzjonalità, inkwantu tali, ma huwiex suffiċjenti sabiex jitqiegħdu f'dubju l-indipendenza u l-imparzjalità tal-KRS kif kien kompost f'dak iż-żmien u, għaldaqstant, tal-imħallfin li huwa pparteċipa għall-ħatra tagħhom. Minbarra dan, l-istess konklużjoni tapplika meta mħallef ikun ntgħażel mill-KRS bħala kandidat għal kariga ta' mħallef wara proċedura li, f'dak iż-żmien, la kienet trasparenti, la pubblika, u lanqas tali li setgħet tkun is-suġġett ta' azzjoni ġudizzjarja, jekk ma jeżistux elementi li juru n-nuqqas ta' indipendenza tal-KRS. Il-qorti tar-rinviju ma ressqitx elementi konkreti li jistgħu jqajmu dubji f'dan ir-rigward.**

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-[test sħiħ u s-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106*